# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**110.** **8 ta' OTTUBRU 1910.** **IT-TIELET SENA**


FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jintbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# JITILKU JEU LE?

L-erbatax ta' Ottubru korbu u għadna ma nafux seŭŭa jecc il Cunsilieri humiex b'il ħsieb li jitilku m'il Cunsill chif ŭiegħdu jeŭ le. Xi ħadd minnhom, bħal ma huma il Contin u Avucat Caruana-Gatto u it-Tabib Pullicino ġa kalu li bi ħsiebhom jitilku allavolja l-oħrajn jaħsbuha xort'oħra, iżda sħabhom għad-hom imcheffnin fi schiet li ma bħalu, u tort sa barra ma għand-homx billi dina hi qŭestjoni difficili ŭisk għax saret imħabbla daks ġażżra ħajt.

Is-Sur Cicc u sħabu kalu li għamlu id-dichiarazjoni m'hux minn kalbhom u m'hux scond il fehma tagħhom, u li huma ma jridu jieħdu l-ebda responsabiltà fuk spallejhom għal daŭc il conseguenzi coroħ li jiġu ŭara billi chif jaħsbuha huma dana it-tluk sejjer ijcun ta' ħsara cbira għall pajjis.

Il partit cuntrarju jridhom ijżommu chelmithom li jitilku biex ma joħorġux ta' tfal u biex ma jcunux naksu minn dac li ŭiegħdu f'il programma.

Min minn daŭna għandu raġun?

Jecc tasseŭ hemm dic il ħsara collha għall pajjis li kal is-Sur Cicc jidhirli li għandu jirbaħ il gid ta'l pajjis u jħallu f'il genb l-*amor proprju* ta'l Cunsilieri li iffirmaŭ id-dichiarazjoni u l-actar billi daŭna iffirmaŭha contra kalbhom u contra il fehma tagħhom u għalhecc ma fiha l-ebda setgħa morali.

Cullħadd f'id-dinja jista jŭiegħed ħaġa u ŭara jintebaħ li ŭi[illegible]ed ħaġa ħażina u li sejjra tagħmel ħsara cbira, u jidhirli l[illegible] ma għandux għal irġulija falza jcompli jgħarrak biex i[illegible] għadda chelmtu. Dina ma hi xejn irġulija ta' min ijfaħ-ħ[illegible] għaliex l-irġulija tasseŭ hi, dic meta ŭieħed ijcollu il ħila li j[illegible]tkarr kuddiem cullħadd l-isball li jcun għamel u jfittex chif ijseŭŭi dac li jcun għarrak m'il aħjar li jista. *Sapientis est mutare consilium*; u għaldakstant chemm il darba b'it-tluk ta'l Cunsilieri issir xi ħsara cbira għall pajjis daŭna għandhom ta' irgiel jerġgħu l-ura milli ŭiegħdu f'id-dichiarazjoni *sforzata* li għamlu u ma jitilkux.

Iżda dac li jiena għadni ma nistax insib biex incun nista ta' galantom ingħidilhom «la titilkux» hi dina il ħsara cbira li semma tant drabi is-Sur Cicc fl-*Avvenire* tiegħu; għaliex jid-hirli jiena li id-*dimissjoni* hi ħaġa costituzjonali li ma tista iġġib l-ebda ħsara jecc il poplu ma jcunx ijridha hu. Billi il Cunsi-lieri li hemm jitilku u jerġgħu jiġu maħtura ijcunu rebħu huma u il pajjis għaliex jidher ċar li il poplu jrid dina il po-litica u li ma jriduhiex biss l-egħdeŭŭa ta's-Sur Cicc u Sħabu.

Jecc il Cunsilieri li hemm ma jerġgħux jiġu maħtura għa-liex lill poplu ma togħġbux il politica t'issa dana jcun respon-sabbli hu ta'l conseguenzi u m'hux il Cunsilieri u dana kabel jivvota jaħsibha seŭŭa u jcollu min jatih id-daŭl u jisma il kniepen collha u chemm il darba jrid jagħmel hecc is-Sur Cicc u il Cunsilieri ma għandhom l-ebda dritt li jgegħluh jokgħod għall politica tagħhom b'il torz.

Barra minn dan li il Cunsilieri ma jitilkux ŭara li ŭiegħ-duh solennement jitilfu ħafna m'il gieħ tagħhom u dana sa chemm ma hemmx dic il ħsara cbira għall pajjis li semmeŭ għandna natuh ħafna pis ucoll.

Għal daŭna ir-raġunijiet jiena jidhirli li jagħmlu ħaġa tajj-ba il Cunsilieri li hemm li jitilku chif ŭiegħdu għaliex b'hecc juru li m'hux tasseŭ li cull ma kiegħdin ijgħidu hu biss biex ma jitilkux is-siġġu ta'l bellus u it-tliet mitt lira, u b'hecc l-egħ-deŭŭa tagħhom ma jcollhomx setgħa cbira contra tagħhom għa-liex ijcunu ureŭ li huma irgiel u li jafu jżommu chelmithom. Ŭara jerġgħu joħorġu bl-istess programm jeŭ ŭieħed bħalu u jfieħmu lill poplu xi ħsara hemm jecc titbiddel il politica t'issa u nitma li jerġgħu jirbħu għaliex il politica ta'l *moderazioni* u ta'l *concilja-*

*zjoni* ħadd ma jista jmur contra tagħha minn daŭc collha li jħobbu tasseŭ il pajjis u li ma għandhomx mibegħda personali jeŭ li ma jridux ijchescsu biex jieclu huma.

Chiecu il Cunsilieri ma chienux għamlu dac il programm u dic id-dichjarazjoni chiecu scond il fehma tiegħi ma chienx ijcollhom għal fejn jitilku għaliex ma ftit jista ijcollna politica u nies aħjar milli hemm issa m'hux għax ma jeżistux iżda għaliex it-tajjbin jibkgħu f'il genb biex ma jakilgħux fuk ħalkhom, u jiżżattu biss daŭc li għandhom il chilba li jitilgħu hemm fuk għal xi fini karriek ta' rashom.

Mela la politica ŭisk aħjar minn dic li kiegħed jippriedca issa is-Sur Cicc ftit jista jcollna u nies aħjar ma joħorġux sgur, li nitbiegħdu m'il politica u il Cunsilieri li għandna issa ftit gid jista jagħmlilna; iżda billi hemm f'in-nofs il ŭiegħdiet ta'l programma u ta'd-dichjarazjoni u jecc jonksu minnhom cullħadd ijcun jista jgħid li ma telkux għal l-interessi privati tagħhom biex ma jchescsulhomx il poplu contra tagħhom aħjar jitilku u jinżlu fuk il camp ta'l battalja biex jiddefendu il politica tagħhom u biex ijfiehmu lill eletturi li min joħroġ f'lochom ma jistax jakdihom aħjar u actar onestament minnhom.

Fl-istess ħin ijcunu jistgħu jatu il fehma tagħhom seŭŭa fuk il *Flushing System*, fuk il-*Luce Elettrica* u xi qŭestjonijiet oħra li hemm f'in-nofs u li huma ta' importanza cbira għall pajjis.

Mela la is-Sur Cicc u Sħabu jafu li l-intelligenti huma favur tagħhom u li għandhom raġun, ma għandhomx jibżgħu li jinżlu f'il camp biex jiccumbattu battalja oħra u jirbħu u b'hecc ijcunu chisru f-idejn l-egħdeŭŭa tagħhom l-arma ta'l isfiduċja li jridu joktluhom biha.

*Veritas est una et praevalebit* (is-seŭŭa dejjem jirbaħ); mela itilku u oħorġu ta' rġiel, saħħ'ħu f'il poplu il fehma ta' irgiel li għandu ficom u uru li il politica u l-onestà tagħcom huma daŭc li jistgħu jagħmlu gid għall pajjis.

Jiena ma jienix u la għadu personali u lankas politicu ta'l Cunsilieri u il gazzetta tiegħi ma għanda l-ebda partit u l-ebda culur u għalhecc nitma li taħsbuha ta' irgiel u TITILKU.

## FRAĠ.

L-Onor: Benjamin Bonnici L.L.D., hu ta' min ijfaħħru għal l-ittra li chiteb lill Gvern biex ijfiehmu f'liema pericolu cbir ninsabu billi il Colera hu ŭara biebna għaliex ŭara Napli messet Paliermu ucoll. Dana fiehmu li meta chien haŭn il Colera l-aħħar f'Malta, f'1887 għad li il poplu chien ijgħum f'ix-xaba intefku m'il Caxxa ta' Malta sbatax il elf lira bħala għajnuna. Jecc tmissna il Colera issa chif cullħadd jinsab imxaŭŭat b'il għacs mitt elf lira ma jcunux b'iż-żejjed, u daŭn mnejn jiġu jecc il Caxxa hi imkaxkxa għal collox? Jicber il għacs f'il pajjis, ma jiġux vapuri u passiġġieri, ta'l gŭerra jiscartaŭ u ŭara jŭaħħlulna it-taxxi biex il Gvern ijgib dac li jcun nefak. Mela għamel seŭŭa l-Onor: Bonnici u l-oħrajn li tkanklu biex jaraŭ jecc il Gvern jagħmelx għallankas curantina ta' ħames t-ijiem u biex il passiġġieri li jiġu jcunu disinfettati tajjeb, Dan jonkosna issa ma'l katta: il Colera. Il Gvern ra li dac li intalab hu xierak u għamel il curantina.

★

Il Ħadd, f'id-9 ta' Ottubru li gejj, il Banda tant imfaħħra «King's Own» sejjra tagħmel Fiera famusa f'Ta's-Sliema. Nixtiekulha success cbir.

Nifraħ b'il kalb l'is-Sinjurina Teresina Spiteri, bint is-Sur Spiteri-Debono ta' Sda: Reale ta'l Belt, talli għaddiet m'il-eżami ta'l Camra ta'l Cummerċ ta' Londra f'it-*Typewriting*. Xebbiet li jakilgħu x'jieclu b'it-*Typewriting* Barra hemm addoċċ u għalhecc nitma li l-esempju ta's-Sna: Spiteri jimxu fuku ħafna xebbiet oħra biex ijcunu jistgħu jimxu il kuddiem bħaxxebbiet ta' pajjisi oħra.

★

Cull meta nieħdu f'idejna il «Gazzetta ta'l Gvern» insibu b'għafsa ta' kalb cbira li tfal taħt il ħames snin kiegħdin ijmutu addoċċ u frattant il Gvern minn banda u is-Soċjetà «*Pro Infantia*» li ġabret il flus biex tnakkas il meŭt fost it-trabi m'il banda l-oħra jonħru it-tnejn. Hemm bżonn li tant il ŭieħed chemm ucoll l-oħra jistenbħu ftit it-tnejn ħalli jaraŭ x'jistgħu jagħmlu biex ijnakksu ftit dana il għadd hecc aħrax ta'l meŭt ta't-trabi. Jiena naħseb li il ħtija il cbira hi gejja m'il misħut ħalib ta'l bottijiet li kiegħdin jatu l-ommijiet l'it-trabi tagħhom billi dana jcun ilu iffermentat u billi f'is-sħana u f'ir-riħ isfel malajr ijgħaddi malli jħalluh ftit miftuħ. Meta ma tistgħux treddgħu minn sidircom, ja ommijiet atu l-uliedcom il ħalib frisc ta'l mogħża, għaliex il pericolu ta'd-deni hu ħrafa u jecc chien tasseŭ chien jista jitfejjak malajr, iżda il pericoli ta'l ħalib ta'l bottijiet huma cbar u l-actar il mard-ta's-sider u l-enterite. Mela aktgħuh għal collox isimgħu minni għal gid tagħcom. Hemm bżonn li il «PRO INFANTIA» titkankal ftit biex tagħmel conferenzi f'il Campanja ħalli tekred il ġuaj l-ieħor li hu l-injuranza ta'l ommijiet biex ŭieħed ijfehimhom chif għandu jrabbi l-uliedu ħalli ma jmutulux.

★

Fraħt bla tarf meta d'al ġranet ircevejt in-«*Natura ed Arte*» u sibt fiha ir-ritratt m'hux biss ta'l imfaħħar scultur Malti Ninu Sciortino iżda ucoll ta'l aħjar xogħlijiet tiegħu. Fost l-oħrajn hemm żeŭġ stampi cbar b'ir-ritratti ta'ż-żeŭġ opri sbiħ tiegħu:— «*Les Gavroches*» dac li illum hemm f'il Barracca ta' Fuk tagħna u *Il Rimorso*. L-articolu hu tŭil seŭŭa u jfaħħar ħafna il dana il kalbieni żagħzugħ tagħna li għad li għadu l-ura f'is-snin iżda fl-Inghilterra u fl-Italja mexa ħafna il kuddiem f'dina is-sengħa tant sabiħa ta'l iscultura u li chif nitma għad ma jdumx li jcun magħdud fost l-akŭa artisti ta'l Eŭropa.

Cull meta Malti ta' ħila jmur Barra jgħaddi il kuddiem u jicseb gieħ u flus; meta jibka fostna ma jaklax ħlief fuk ħalku u żebliħ. Ħarsu lejn daŭna iż-żeŭġ t'aħŭa Sciortino u taraŭ jecc inhix ingħid is-seŭŭa. Tasseŭ li *nemo propheta in patria*.

★

Nhar il Ħadd li gejj 9 ta' Ottubru, f'it-tlieta u nofs ta' ŭara nofs inhar il kuddiem sejjer ijcun hemm fl-Argotti festa sabiħa tasseŭ biex b'il ġbir tagħha jiekfu ma's-*Società di Mutuo Soccorso S. Giuseppe* ta'l Ħamrun. Idokku il Banda «S. Giuseppe» ta'l Ħamrun u «La Vallette» u sejjer ijcun hemm ħafna logħob fosthom tnejn JIBBOXJAU. Id-dħul TLIET SOLDI u it-tfal B'XEJN.


## IL COLERA F'MALTA,

nizżiċhajr għada ma gietx, u aħna sguri li ma tigix chemm il darba, ma natux cas tagħha u ingħaddu ħajjitna allegri u cuntenti—u għalhecc biex ŭieħed jokgħod dejjem allegru għandu jmur jara ir-reciti bil Malti, li ser ijsiru, cull nhar ta' Ħadd, fit-8 u nofs ta' filgħaxija, fit-

TEATRU MANOEL

MIL CUMPANNIJA MALTIJA

L-INDIPENDENZA

NHAR IL ĦADD LI GEJJ

Sejjer ijcun hemm, is-sabiħ u grandjus

VUDVILL PARODIJA BI TLIET ATTI

TA L'OPRA

RUY-BLAS

B'xeni ġodda—Banda fuk il palc—Orchestra compita—cori—cumparsi, etc.

Min jaraħ jibka daħkan u allegru sa tliet-ijem ŭara li jmut!

Tonksux mela, jecc għandcom pjacir li il Colera tibka dejjem bogħod minn Malta.

F'IT-3 BĦAL KABEL.

# Il Gazzetti b'il Malti.

Ircevejt dina l-ittra li sejjer ingibha bi pjacir cbir u nitma li issur Gatt jibka jiġbor ħŭejjeġ sbiħ u ta' fejda bħal daŭn:—

Floriana 24/9/10

Sur Levanzin,

Cont krajt f'in-« Naħla » No. 84 li l'eŭŭel gazzetta b'il malti li ħarget ehienet il «Caŭlata» bħal ma cont ctibtlec jiena, imma ŭara cont kieghed nakra il gazzetta «The Harlequin» u fiha sibt numru minn ta l'istess gazzetta bil Malti collu li chien jismu:— «L' ARLECCHIN jeŭ CAŬLATA INGLIŻA MALTIJA» li chien ħareġ b'tifchira ta meta chienet giet f' Malta is-Sultana Adelajde f'is-sena 1838. F'il ġurnal «BRIGHELLA» ta' Dun Ġusepp Zammit hemm ucoll xi bcejjeċ bil malti u fosthom hemm poesija b'tifchira t'al miġja f'Malta tas-Sultana Adelajde.

Il «Ħatar» ta'l 1850 dan joħroġ xi 8 xhur; fl'1859 rega beda joħroġ u ŭakaf, u f'il 1860 ħareġ ucoll u dam joħroġ żmien tŭil dakka joħroġ u dakka jiekaf għax l'editur tiegħu sieŭit chien ijmur għall villeġġjatura sa Cordin tuk il viltajiet li chien ijġib fih. F'il Biblioteca hemm il ĦATAR» tal' 1859 u tal' 1860-66.

Il «ĦABBAR TAL MALTIN» chien joħroġ b'il Malti u't-taljan.

Il «UARD U ŻAHAR» barramilli ħareġ fil 1865, chien rega ħareġ fl'1899 ucoll.

F'Lixandra chienet toħrog «Il BXARA» ŭara il gazzetta ta' l'istess isem li chienet toħroġ f'Malta. U'l «MELITA» ta' Lixandra damet toħroġ għall 3 snin u m'hux għal sena.

F'Tunes chienet toħroġ ucoll gazzetta bil malti li chienet jisimha in-«NAĦLA».

Il «ĠAĦAN» barra m'il 1846, ħareġ bosta drabi oħra. L'aħħar darba li ħareġ (barra minn daŭc ta' G. Sciberras u ta' M. A. Borg), chien fl' 1894 u ħareġ darba biss.

Chien haŭn «IL PATRIOTA» bil malti u bi't-taljan.

Il «GIANBOMBLU» ħareġ fl'1894 u fl'1895.

Barra minn dac il «ĦABIB TAL POPLU» li għedt li chien joħroġ f'Għaŭdex, haŭn Malta chien haŭn ucoll gazzetta li chien jisimha «IL ĦABIB TAL POPLU» u damet toħroġ mil'1888. sa'l 1893. Imbagħad l-Iskof scumnicaha u biddlulha isimha f'il «ĦABIB TAL MALTIN» u dan il ġurnal chien joħroġ m'il'i-stamperija ta' Censu Abela ta' Strada San Paolo, il Belt.

Chien haŭn «IL VUCI TAL POPLU» u issa kieghdin joħorġu l'«EDEN» u «L'EUCARISTIJA».

«SAN PAŬL» chien ħareġ ucoll fl 1870.

Barra mid-«DAŬL» ta G. Muscat Azzopardi chien joħroġ ucoll ġurnal ieħor fl'1888 taħt dan l-isem.

Fl' 1863 chien joħroġ «IL DIFENSORE MALTESE» b'il malti u bit-taljan u imbagħd beda joħroġ bil malti biss taħt l'isem ta' «ID-DIFENSUR MALTI» li ŭara xi erba numri rega beda joħroġ bħal kabel b'il malti u' bi't-taljan.

Barra minn daŭn ħarġu ucoll:

1847.—«IL ĦAŻNA MALTIJA;» 1871—L'«ECU»—1870. «IL BASTUN;» 1867. L'«IMKASS;» 1859. «IL BALLOTTRA.»

Darba cont krajt f'in-«Naħla» li l-eŭŭel ġurnal serju b'il malti chienet in-«NAĦLA MALTIJA» ta' G. Muscat Azzopardi (1) imma dana m'hux veru għax kabel dana chien haŭn bosta ġurnali oħrajn serji daksha, bħal ma chienu: «IL MALTI» li dam joħroġ xi sena m'is-«Socjetà Filologica Maltija,» il «ĠURNAL MALTI» li dam joħroġ għal sentejn, u sal «ĦATAR» ta'l 1850 chien serju, chif ucoll bosta oħrajn.

Darba fil «Malta» u fin «Nahla» cont krajt li ŭara il ġurnal li chienu ħargu il Franciżi f'Malta mil'1800 sal libertà ta l-istampa ma ħarġux gazzetti ħlief t'al Gvern u li din bdiet toħroġ m'il 1813 il kuddiem (2). Imma m'il 1800 sa'l 1813 ħarġu gazzetti oħrajn u fosthom daŭn «IL CA[illegible]AGINESE,» «L'ARGO» u il «FOGLI d'AVVISI.»

Inselli għalic ħafna u għoddni de[illegible] is-serv tiegħec

GIUSEPPI GATT.

(1) **Kaluli hu.**
(2) **Krajtu f'il** «*Malta.*»

# "IŻ-ŻUNŻANA."

**Da'l ŭakt sejjra tibda toħroġ dina il gazzetta ġdida b'il Malti u li sejjra tcun suppliment ta'n-«Naħla» tiegħi.**

**Nistħajjilcom tgħiduli: «X'hemm bżonnha? ma għandecx in-«Naħla,» din ma hix b'iż-żejjed?» Meta infehimcom għala sejjer noħroġha taraŭ intom stess chif tatuni raġun.**

**In-«Naħla» ħlakta biex ingħallem il poplu u irnexxiet actar milli katt ħsibt jiena għaliex lakgħuha u ferħu biha l-aħjar nies u l-actar intelligenti ta'l pajjis. Iżda bosta oħrajn ma humiex ħlief ijghemgmu li jridu jakraŭ l-aħbarijiet, il baned ijridu il programmi, l-imsieħbin ijridu in-necrologiji, id-devoti ijridu il festi, xi uħud ijridu il polemichi, aħna cull tant ijcollna bżonn niddefendu ruħna contra il għideb u it-tnassis ta'l għedeŭŭa tagħna u ta' daŭc li in-«Naħla» tiegħi iġgiegħilhom tant jitkagħŭxu bl-ugiegħ ta' żakk. Fi ftit cliem, billi il** «*Malta Tagħna*» **ilha toħroġ fuk għoxrin sena u għal żmien tŭil chienet timraħ hi biss f'idejn il poplu baxx, dana dara jakra daŭc l-affarijiet għad li fihom il ħajja biss ta' mument u jridhom.**

**Jiena biex niccuntenta il cullħadd u naktagħlu xeŭktu sejjer ma indumx ma noħrorġ gazzetta oħra ta' cull gimgħa li tatih dac collu li soltu jakra f'il** «*Malta Tagħna*» **u aħjar, cull tant bl-istampi u b'il premji, u**

## B'NOFS PREZZ

**billi għad li jcun** DAKS **il** «*Malta Tagħna*» **ma jcunx ijkum ħlief ŻEŬĠ XELINI F'IS-SENA ( sitt ħabbiet cull numru ) li jitħallsu xelin cull sitt xhur b'il kuddiem. L-ispejjes ta'l posta jitħallsu barranin. Min hu imsieħeb f'in-«Naħla» ma jħallasx ħlief XELIN F'IS-SENA BISS ACTAR u posta ma jħallasx barranija billi jircevih ma'n-«Naħla» bħala** *supplement.* **Dana ix-xelin jitħallas f'dakka u bil kuddiem.**

**B'hecc in-«Naħla» tibka** *rivista* **u jcun fiha m'il bidu sa'l aħħar ħŭejjeġ ta' tagħlim biss, u il frac, l-aħbarijiet, in-necroloġiji u il ħŭejjeġ l-oħra jgħaddu f'IŻ-ŻUNŻANA billi dina tcun gazzetta li meta tinkara ŭieħed jista jkattagħha għaliex l-aħbarijiet ijmutu malajr u in-«Naħla» tiftaħ actar il ŭisa għat-tagħlim li jibka jinġabar sa il karrejja ta'l malti jcollhom** ENCICLOPEDIJA **minnha li isservi lilhom u lill uliedhom.**

**Id-daks ijcun l-istess ta'n-«Naħla» u bl-istess carta, biss b'**ERBA **faċċati f'loc bi tmienja. Dina tcun tinbih f'it-torok ucoll iżda** B'IS-SOLD IL COPJA. **Mela jakblilcom actar li tissieħbu u MIN JIBGHAT JISSIEHEB MA TUL DANA IX-XAHAR MA' L-EŬŬEL HLAS LI JAGHMEL JIEHU B'RIGAL IL «MAHBUB TA' GESU': IS-SABIH CTIEB TA'S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI. Mela billi tieħdu dana il ctieb riġal il ħlas ta's-sena jarġa JONKOS B'XELIN u b'hecc l-imsieħbin ta'n-«Naħla» jcunu kiegħdin jieħdu għal l-eŭŭel sena iż-ŻUNZANA B'XEJN u min ma hux imsieħeb f'in-«Naħla» JCUN KIEGHED JIEHU GHAL-LEŬŬEL SENA GAZZETTA AHJAR M'IL** «*Malta Tagħna*» **u B'XELIN BISS F'LOC B'ERBA XELINI. Dana juri li għad bakagħli iż-żejt għaliex il ġurnalismu għalija hu ideal u passatemp u m'hux maxtura u ħobż ta' cull jum.**

**L-EŬŬEL MITT IMSIEHEB natihom ucoll copja cull ŭieħed ta'l Eŭŭel Taksima ta's-«SAHHAR FALZUN» u b'hecc l-eŭŭel sena tcun giethom B'XEJN, u daŭc li huma ġa imsieħbin f'in-«Naħla» jcunu fuk ir-rieħ. Mela fittxu ibagħtu issieħbu** B'ITTRA MILL ACTAR FIS **u jecc fiha tibagħtu il flus li fehimtcom tircievu il premji.**

**A. LEVANZIN.**

# NARDU, FRANGISC U CHETRINA.

*Dina l-Egloga sabiħa hi ta'l* Prof: G. A. Vassallo, *u hi ŭaħda m'il aħjar ħŭejjeġ li katt chiteb b'il malti. Billi il-lum ftit haŭn min jaf biha billi il ctieb li giet stampata fih ma tantx għadu jiġri fl-idejn u billi lilu stess chienet togħġbu ħafna* («Questa però non mi sembra del tutto indegna di comparire,» *ħalla mictub) tħajjart narga ingibha jien ucoll billi bħala ġaŭhra ta'l poeżija maltija ma għandħiex tibka moħbija jeŭ tintilef.*

Chien hemm żeŭġ żgħażagħ darba ŭaħda f'raħal
Illi ħabbeŭ lil xbejba, u it-tnejn rieduha;
Iżda ħadd minnhom f'kalbha ma chien daħal,
Għad illi tħobbħom chienu it-tnejn jaħsbuha.
Ŭieħed lill ieħor kalbu mar ijgħidha
Bla ma jaf xejn li dan ucoll ijridha.

Nardu 'l ŭieħed, l-ieħor Frangisc, Chetrina
Chienet jisimha ix-xebba, ŭiċċ m'il isbaħ;
Ma't-tnejn b'xi daħk, b'xi cliem chienet ħanina,
Iżda id-daħk tagħha, il cliem, l'iċ-ċajt chien jixbaħ.
Ingħidu il-lakgħa tagħhom f'da'l chelmtejn,
U chif l-imħabba bakgħet f'ŭiċċ it-tnejn.

——

*Nardu*—Għal fejn d'il għaġla cbira ? !
Frangisc fejn inti sejjer ?

*Frangisc*—Ġo rasi nħoss titjira...
K'ed nimxi jeŭ nixxejjer?

*Nardu*—Ferħan jien lilec nara, kalbec miegħi
Għandec tiftaħa, chif ma ħbejtha katt.

*Frangisc*—Ingħidlec collox, u tara 'l ferħ tiegħi;
Iżda nitolboc li ma tgħid il ħadd.

*Nardu*—Għidli, għidli, Frangisc. .
Ejj nersku ftit għal frisc.

*Frangisc*—Mela il bieraħ, il midħna,
Bi xcora kamħ fuk rasha,
Gietni Chetrin ta' Masa.
Xħittilha xi chelmtejn; bħal chiecu ħmaret,
U għal imħabbti donnha fl-aħħar daret.

*Nardu*—Jaħasra! x'int imkarrak !
Ma tafx donnoc Frangisc,
Li hi tħobb lili ŭisk.
U chif xi tama setgħet, katt tatic ?—
Chemm inti ċchejchen ! ma nieħux għalic......

*Frangisc*—Fejn taf li tħobboc, Nard,
Billi drabiet chellimtha,
Jeŭ xi darba ħaddimtha?...
Chetrin tħobb lili, u ngiblec xhud il Trejża,
Kaltli li għandha ucoll tagħmilli ħbejża.

*Nardu*—Jecc inti trid jeŭŭilla
Li miegħi ticser għonkoc,
Għandi ħila noħonkoc !...
X'int tpaspar b'il ħbejża u b'il bezzun?
Ma nagħdrec għa'x inżommoc ta' miġnun.

*Frangisc*—Mela mbagħad naraŭ...
Tchellimnix iżjed xejn.

*Nardu*—Stenn... Chetrin gejja l-haŭn ?
Ejja nchellmuha it-tnejn.

*Frangisc*—Chetrina isma... chelma, chelma...
Ejj aktagħha int stess bi cliemec;
Taraniex Frangisc u Nardu
Bħal imgienen haŭn kuddiemec?
Mela jien għidtlu l'int tridni;
Kabeż hu kal:— «m'hux ta's-seŭ !
Saħan; kal l-inti trid lilu...
Lil min trid ? aktagħha ! iddeŭ !

*Chetrina*—Għal dan intom żammejtuni ?...
Jien imgħaġġla, ħall' immur.
Xejn ma naf il min għad nieħu....
Għal xi ħadd fl-aħħar indur.

*Nardu*—Jecc tieħodni xi jcun jonksoc?
Għandi taf xi ġonta raba;
Dic għalina tcun b'iż-żejjed,
U negħirku geŭŭa ix-xaba.

*Frangisc*—Jien missieri jtini il midħna,
U ŭiegħidni ucoll il ġnien;
Jecc trid lili bħal żeŭġ slaten
Aħna ngħixu it-tnejn flimchien.

*Chetrina*—Min staksiecom, ħuti, x'għandcom ?
Min talabcom li tgħiduh?
Xejn ma għandi jien bżonn tagħcom...
Dac li għandcom istgħalluh.

*Nardu*—Chetrina, jiena ŭrejtec
L'inħobboc u li għajrec ma irrid ħadd.

*Frangisc*—Chif rajtec jien ħabbejtec...
Jecc ma tridnix, jien ma niżżeŭŭeġ katt.

*Chetrina*—Ibkgħu mela l-itnejn
Għożżieb u fija la taħsbu iżjed xejn.
Urejtcom jien xi ħleŭŭa...
Iżda minn sidri il geŭŭa
Ħadd ieħor, ħuti, daħal....
Ħadd ieħor, ma tafuhx, m'hux minn da'r-raħal.
Imkita ma cont katt;
Urejtcom ħleŭŭa, u nuri ma' cullħadd.
Iżda kalbi m'hix għalicom,
Lil ħadd ieħor tajtha jien;
Ma'l għarus intom taraŭni
Bla ma'ddumu it-tnejn flimchien.

——

Kalbi lilu jiena tajtha,
Għaliex lilu biss hi trid,
Jiena fih insib u nara
It-tħennija, il ferħ u il gid.
U hecc mela, ja Nardu, ja Frangisc,
Tiġġieldu xejn, inseħni, u saħħa ŭisk!

———

Chetrin chienet iżżeŭŭget il min riedet,
U għammret bl-acbar ħena ma' ragilha;
Ta'x-xebbiet sbiħ in-nisel ucoll żiedet
U bihom it-tħennija żdiedetilha,
Żeŭġithom, u 'l-lum collha b'it-tfal tagħhom,
Ħelŭin, sbiħ, bħal Chetrina in-nanna tagħhom.

U żeuġ t-ixjuħ b'il ħatar ucoll tara
Sejjrin flimchien u ŭieħed bl-ieħor jifraħ;
Nardu u Frangisc, xuxithom bħal tajjara,
Ijmorru jkabbdu pipa lejn il misraħ.
Cull dakka jfaccru għadhom lill xulxin
F'iż-żmien li chienu jħobbu lil Chetrin.

*Dana it-terzett jixrak li jsir b'il musica u li jitcanta xi darba f'xi teatrin. L-ortografija ta' dina il poeżija hi tiegħi biex tcun dejjem ŭaħda f'in-«Naħla.»* ( A. L. )

# IL FROTT.

Ix-xadina ma tgħixx b'ħaġ'oħra ħlief b'il frott li takta u li tieclu. Jista il bniedem ijgħix b'il frott biss bħalha? Il għaref tabib franciż Labbé, ŭara hafna studji tŭal u sbiħ li għamel ijŭiegibna li IVA, u ġa Barra hemm bosta nies li ma humiex ijgħixu ħlief b'il frott biss u għalhecc ijsejjħulhom Fruttarjani. Għal min hu batut b'is-simna, jeŭ bl-istitichezza u b'xi taħŭid fl-imsaren ma hemmx cura aħjar milli ŭieħed jiecol il frott biss. Biss biex ŭieħed ijcun f'il frott kiegħed jiecol dac collu li għandu bżonn il gisem biex ijgħix ijrid jiecol dejjem xi frottijiet li fihom jidħol iż-żejt bħal ma huma il-leŭż, il gelleŭż, il geŭż, iż-żebbuġ u oħrajn bħal daŭn. Daŭna jsostnu il gisem daks il-laħam għaliex fihom l-albumina li hi issustanza ta'l-laħam. Illum f'xi mardijiet reġgħu bdeŭ jagħmlu il cura ta'l frott u l-actar dic ta'l għeneb li chienu jafu biha sa m'il ibgħad żmienijiet u li faħħruha it-tobba ta'l antic Galenu u Celsu u il chittieb Plinju.

F'il Germanja, fl-Aŭstrija u fl-Isvizzera hemm ħafna postijiet fejn issir it-«Trauben Kur» (Il Cura ta'l Frott), u jmorru ħafna frustieri li jħallu ma tul is-sena l-eluf il cbar ta' liri. Aħna li kiegħdin f'il genna-ta'l-art ta'l frott għaliex il frott tagħna għal benna tiegħu ma jagħilbu ħadd, katt ma għaddielna minn rasna li niġbdu haŭn il frustieri għal cura ta'l frott u lankas katt ma ħlomna li nagħmluha aħna stess, għad li biha kiegħdin jiccuraŭ ħafna mardijiet ŭisk aħjar milli jiccuraŭhom b'il medicini. Fost l-oħrajn b'il cura ta'l għeneb kiegħdin ijfejjku ħafna casi coroħ ta' anemija. Daŭc li jmorru jiccuraŭ ruħhom f'il għodu cmieni, għar-riek u għal frisc, ijmorru fl-egħlieki u jokogħdu jippassiġġaŭ għal l-arja jnakkru l-egħnieked ta'l għeneb sa chemm ma' tul il ġurnata chemm hi tŭila jieclu qŭantità cbira biex iz-zoccor li fih il għeneb malajr jidħol f'id-demm bħala sustanza u jsajjaħ il gisem.

U xejn taħsbu li billi jieclu dana il frott collu jagħmlilhom id-deni jeŭ ijkabbadhom xi indigestjoni. Le. Bħal ma jgħallimna il għaref Professur Linoissier tgħaddi differenza cbira bejn meta ŭieħed jiecol il frott għa'r-riek u minn meta tieclu bħala diserta ŭara l-ichel. L-indigestjoni tista tigi biss meta tieclu ŭara l-ichel għaliex ma'l frott jidħol fl-istoncu iċ-*citrat ta'l potassa* u dana meta jiltaka ma'l *acidu cloridricu* li jcun hemm fl-istoncu jinferak fi *clorur ta'l potassa* u *f'acidu citricu* ħieles u daŭna it-tnejn ijfixclu il *pepsina* ta'l istoncu u ma jħalluhiex tiddigerixxi tajjeb l-albumina u minn haŭn tigi l-indigestjoni. Iżda jecc tiecol il frott ŭaħdu u l-aħjar għar-riek tista tiecol chemm trid għaliex deni ma jagħmilx. Jecc tiecol dollieġha bħala diserta iddum tħossha tibka tielgħa u nieżla għal xi żmien ŭara l-ichel billi ma tigix iddigerita malajr imħabba f'dac li għedna; iżda jecc id-dollieġħa tiecluha għar-riek minn dana collu ma tħossu xejn għaliex tiddigerixxi ruħha malajr.

Bosta drabi meta jcollcom xi dispepsja (igifieri l-istoncu imgħarrak li ma tistgħux tiddigerixxu malajr) tchellmu it-tabib u dana jordnalcom il *bicarbonat ta's-soda* jeŭ xi ħaġa *alcalina* oħra billi l-istoncu jcun kiegħed jati *acidu cloridricu* jeŭ *idrocloricu* ŭisk. Meta tieclu chilò (ratal u qŭart) fraŭli tcunu daħħaltu daks *disa grammi* (cull 28 gramm jagħmlu ukija) bicarbonat ta's-soda; meta tieclu chilò għeneb tcunu daħħaltu daks sitt grammi u l-istess meta tixorbu ħafna kares ta'l-lumi. Mela meta ma tistgħux tiddigerixxu tajjeb f'loc il bicarbonat ta's-soda li jiffjacca il kalb agħsru ftit lumi seŭŭa, saffuħ, żidulu niscata zoccor u ixorbuh u tcunu ħadtu l-aħjar medicina ta'n-Natura bla ma tokogħdu tħabblu ras it-tabib xejn. Jecc tagħsru għankud għeneb f'tazza jgħodd l-istess.

Meta tieclu il frott ħenm xi uħud li jerdgħuh jeŭ jomogħduh u jobżku il bkija għaliex jifhmu li iċ-*cellulosa* igifieri daŭc il ħjut jebsin li jcun hemm m'hux talli ma fihomx sustanza iżda jistgħu jagħmlu id-deni. Cunu afu li in-Natura hi dejjem egħref minn'na u li cull ma tagħmel hi hu collu seŭŭa u għal gid tagħna. Hu minnu li iċ-*cellulosa* tibka għaddejja bla ma tħallix f'il gisem ħlief ftit sustanza iżda hemm bżonnha għaliex dina sa chemm tgħaddi m'il imsaren togħroc il ħitan u tiġbor u issuk magħha dac il ħmieġ li jcun hemm staġnat u li jecc jibka imŭaħħal hemm jagħmel ħsara cbira billi jitnisslu u jbejjtu fih ħafna microbi u billi jsodd il musrana u jgib l-istitichezza. Mela il frott culuh chif inħalak ŭara li tomogħduh tajjeb.

Illum hi imfittxa ħafna ucoll il cura ta'l fraŭli. Il għaref botanicu Linneu chien ilu snin immartirizzat b'il pullagra. Dana chien ijħobb ŭisk il fraŭli iżda it-tabib li chellu jiccurah beżżgħu minnha imħabba f'il marda li chellu u dam ma jiecolha għal snin cbar. Fl-aħħar, fl-1750, meta ra li m'il marda li chellu ma sata jfik b'xejn, iddispra, xtara salt fraŭli u chielha. Tistgħu taħsbu chif baka mibluħ fih in-nifsu meta l-ugiegħ f'loc li cotor chif stenna hu nakas għal collox. Raġa chiel u fi ftit ġranet fejjak b'il fraŭli marda li chien ilu jŭaħŭaħ biha għal għoxrin sena. Fontenelle li gebbed mitt sena chien jifhem li għix dic il ħajja tŭila collha billi chien jiecol ħafna fraŭli; u is-sabiħa Madame Tallien biex żammet sa xjuħitha il gilda tagħha lixxa u bellusija chienet tieħu cull jum banju f'is-sugu ta'l fraŭli magħsura.

Illum cull min ijbati b'il pullagra (gotta) jeŭ b'ir-reŭmatismu jgegħluh jiecol ħafna fraŭli, u jgħaddi dejjem għal l-aħjar.

Tridu tafu għala? Ingħidilcom. Min jiecol ħafna laħam ijnissel f'il gisem ħafna *urati* li bosta drabi f'loc li jgħaddu ma'l aŭrina (li jagħmluha tant ħamra u li meta tokgħod jagħmlu f'il kiegħ dic ir-rinella ħamra) jiekfu f'il gisem u jgibu il pullagra u ir-reŭmatismu. Għalhecc il pullagra jsejjħulha il *marda ta's-sinjuri* għaliex tigi f'min jiecol ħafna laħam bla ma jħaddem gismu biex ijcheċċi minnu l-*urati*. Issa billi daŭna l-urati jiġu m'il *acidu uricu* malli dana jiltaka ma'l *alcali* ta'l fraŭli issir ħaġa li iddub malajr u b'hecc l-urati jinsaku lejn l-aŭrina u jfejjku il marda. Mela min jiecol ħafna laħam u ma tantx ijħaddem gismu għandu bżonn li jiecol ħafna fraŭli, u għeneb jeŭ jixrob ħafna lumi magħsur ħalli ma jimradx b'il pullagra jeŭ b'ir-reŭmatismu. Għal min hu diabeticu u ma jistax jiecol il għeneb imħabba f'iz-zoccor li fih il fraŭli jisŭeŭlu ħafna billi zoccor fihom ftit ŭisk.

L-iscorbut hi marda li timxi l-actar fuk il baħrin billi jieclu collox immellaħ. Il-lumi hu tajjeb ħafna għalihom. Min ijbati b'il mard ta'l ħaġra jagħmel tajjeb li jixrob ħafna lumi magħsur għaliex dana ma jħallix jitrabbeŭ il *calcoli* u jecc jitrabbeŭ ijdeŭŭibhom, u hu tajjeb ħafna ucoll f'il pullagra, f'ir-reŭmatismu u fl-emorragija (sabb-id-demm.)

Mela milli rajna b'il frott biss tistgħu tgħixu u jecc tużaŭh ma'l ichel l-ieħor jista jcunilcom ta' gid bla taf billi m'hux biss ijħariscom minn ħafna mardijiet iżda billi jista jfejjakcom minnhom bla spejjes ta' tobba u ta' spizzeriji xejn.

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seŭda għal cotba jeŭ għal ġurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux**, bi rħis, jicteb Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

# AKRAU

## L-EUUEL TAKSIMA

## TA'R-ROMANZ MALTI ORIGINALI

# "IS-SAHHAR FALZUN"

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GHALIEX TOGHCOBCOM SGUR.


### FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

### SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f 'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfaħħar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriċja, ta' ginecologija u ta'l għajnejn, b'ħeffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullħadd ħareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeŭ ijcollu il mard ta'l ħaġra, jeŭ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l fŭied, ta'l clieŭi u mardijiet oħrajn, l-isbaħ li jagħmel hu li jakbeż sa' hemm fejn ijsib cull cumdità u jonfok ftit.

---

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**

**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

## BRITANNIA

---

# L-OSSIGENU

li illum hu tant użat f 'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f 'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, tornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

# INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeriċ**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

## UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**

---

Min hu marid bl-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



## L' ELIXIR
## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**